SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

9 ta' Ġunju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali — Dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni — Direttiva 2010/64/UE — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' "proċeduri kriminali" — Proċeduri previsti minn Stat Membru, intiżi għar-rikonoxximent ta' sentenza f'materji kriminali mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor u għar-reġistrazzjoni ta' rekord kriminali tal-kundanna mogħtija minn din il-qorti — Spejjeż marbuta mat-traduzzjoni ta' din is-sentenza — Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI — Deċiżjoni 2009/316/ĠAI"

Fil-Kawża C-25/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Budapest Környéki Törvényszék (qorti ta' Budapest-agglomerazzjoni, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Jannar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Jannar 2015, fil-proċedura kontra

**István Balogh,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, A. Tizzano (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala l-Imħallef tal-Ħames Awla, F. Biltgen, A. Borg Barthet u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Diċembru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Ungeriż, minn M.Z. Fehér, G. Koós u M. Bóra, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn G. Eberhard u F. Zeder u B. Trefil, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Sipos u R. Troosters, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ottubru 2010, dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura quddiem il-Budapest Környéki Törvényszék (qorti ta' Budapest-agglomerazzjoni, l-Ungerija) għall-finijiet tar-rikonoxximent fl-Ungerija tal-effetti ta' sentenza definittiva mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor li tikkundanna lil I. Balogh għal piena ta' priġunerija minħabba reat kriminali kif ukoll għall-ispejjeż tal-proċeduri.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI

3 Il-premessi 2, 3, 5 u 17 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, p. 23), jistabbilixxu:

"(2) Fid-29 ta' Novembru 2000 l-Kunsill, [...], adotta programm ta' miżuri biex jimplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali[...]. Din id-Deċiżjoni Qafas tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-miri previsti fil-miżura Nru 3 tal-programm, [...].

(3) Il-Rapport Finali dwar l-ewwel eżerċizzju ta' valutazzjoni dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali [...] talab lill-Istati Membri biex jissimplifikaw il-proċeduri għat-trasferiment ta' dokumenti bejn l-Istati, bl-użu jekk meħtieġ, ta' formoli standard biex tiġi faċilitata l-assistenza legali reċiproka.

[...]

(5) Bil-ħsieb li jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar rekords kriminali, huma milqugħa proġetti żviluppati bil-mira li jinkiseb dan l-għan [...]. L-esperjenza miġbura [...] wriet l-importanza li jitkompla jiġi razzjonalizzat l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni dwar kundanni bejn l-Istati Membri.

[...]

(17) [...] Il-ftehim reċiproku jista' jikber permezz tal-ħolqien ta' 'format Ewropew standardizzat' li jippermetti l-iskambju tal-informazzjoni b'mod uniformi, elettroniku u li huwa faċilment tradott b'mezzi mekkaniċi. [...]"

4 Skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, li jiddefinixxi l-għan ta' din id-deċiżjoni:

"L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa:

a) li tiddefinixxi l-modi kif Stat Membru fejn tingħata kundanna kontra ċittadin ta' Stat Membru ieħor (l-'Istat Membru li jikkundanna') jittrasmetti l-informazzjoni dwar tali kundanna lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna kkundannata (l-'Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna');

b) li tiddefinixxi l-obbligi ta' ħżin għall-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna u biex tispeċifika l-metodi li għandhom jiġu segwiti fit-tweġiba għal talba għal informazzjoni estratta mir-reġistri kriminali;

c) li tistabbilixxi l-qafas għal sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni bejn l-Istati Membri li għandha tinbena u tiġi żviluppata abbażi ta' din id-Deċiżjoni Qafas u d-deċiżjoni sussegwenti msemmija fl-Artikolu 11(4)."

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija Deċiżjoni Qafas, intitolat "Obbligi tal-Istat Membru li jikkundanna", jipprovdi:

"[...]

2. L-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li jikkundanna għandha, kemm jista' jkun malajr, tinforma lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe kundanna mogħtija fit-territorju tiegħu kontra ċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra, kif reġistrati fir-rekord kriminali.

[...]

3. L-informazzjoni dwar tibdil jew tħassir sussegwenti ta' informazzjoni li tkun tinsab fir-rekords kriminali għandha tiġi trasmessa minnufih mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li jikkundanna lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna.

4. Kwalunkwe Stat Membru li jkun ipprovda informazzjoni skont il-paragrafi 2 u 3 għandu jikkomunika lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna, fuq it-talba ta' din tal-aħħar f'każijiet individwali, kopja tal-kundanni u l-miżuri sussigwenti kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għalihom sabiex din tkun tista' tkkunsidra jekk dawn jirrikjedux xi miżura fuq livell nazzjonali."

6 L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, intitolat "Obbligi tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna", jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"L-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna għandha konformement mal-Artikolu 11(1) u (2), taħżen l-informazzjoni kollha trasmessa taħt l-Artikolu 4(2) u (3), sabiex tkun tista' tittrasmettiha mill-ġdid konformement mal-Artikolu 7."

7 L-Artikolu 11 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Format u modi oħra ta' organizzazzjoni u faċilitazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni dwar kundanni", jipprovdi:

"1. Meta tiġi trasmessa informazzjoni konformement mal-Artikolu 4(2) u (3), l-awtorità ċentrali tal-Istat li jikkundanna għandha tittrasmetti l-informazzjoni li ġejja:

a) informazzjoni li għandha tiġi trasmessa dejjem, [...] (informazzjoni obbligatorja):
   i) informazzjoni dwar il-persuna kkundannata (isem sħiħ, data tat-twelid, post tat-twelid [...], sess, ċittadinanza u – jekk applikabbli – isem/ismijiet preċedenti);
   ii) informazzjoni dwar in-natura tal-kundanna (data tal-kundanna, isem tal-qorti, data li fiha d-deċiżjoni saret finali);
   iii) informazzjoni dwar ir-reat li jwassal għall-kundanna (data tar-reat [...], l-isem jew il-klassifikazzjoni legali tar-reat kif ukoll bħala referenza għad-dispożizzjonijiet legali applikabbli), u
   iv) informazzjoni dwar il-kontenuti tal-kundanna, (b'mod partikolari s-sentenza kif ukoll kwalunkwe pieni supplimentari, miżuri ta' sigurtà u deċiżjonijiet sussegwenti li jimmodifikaw l-infurzar tas-sentenza);

b) informazzjoni li għandha tiġi trasmessa jekk reġistrata fir-rekord kriminali (informazzjoni fakultattiva):
   i) isem il-ġenituri tal-persuna kundannata;
   ii) in-numru ta' referenza tal-kundanna;
   iii) il-post tar-reat; u
   iv) l-iskwalifiki li jirriżultaw mill-kundanna;

(ċ) informazzjoni li għandha tiġi trasmessa, jekk disponibbli lill-awtorità ċentrali (informazzjoni addizzjonali):
   i) in-numru tal-identità tal-persuna kundannata [...];
   ii) il-marki tas-swaba', li ttieħdu minn dik il-persuna, u
   iii) jekk applikabbli, psewdonimu u/jew isem (ismijiet) xort'oħra.

Barra minn dan, l-awtorità ċentrali tista' tittrasmetti kwalunkwe informazzjoni oħra dwar kundanni jekk reġistrati fir-rekord kriminali.

2. L-awtorità ċentrali tal-Istat taċ-ċittadinanza tal-persuna għandha taħżen l-informazzjoni kollha tat-tipi elenkati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, li hija rċeviet konformement mal-Artikolu 5(1) għall-iskop ta' trasmissjoni mill-ġdid konformement mal-Artikolu 7. Għall-istess skop hija tista' taħżen l-informazzjoni tat-tipi elenkati fil-paragrafu (c) tal-ewwel subparagrafu u fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

3. [...]

Ladarba tkun skadiet l-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri għandhom jittrametti tali informazzjoni elettronikament bl-użu ta' format standardizzat.

4. Il-format imsemmi fil-paragrafu 3 u kwalunkwe mezz ieħor ta' organizzazzjoni u faċilitazzjoni ta' skambji ta' informazzjoni dwar kundanni bejn awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill [...]

Tali mezzi oħrajn jinkludu:

a) id-definizzjoni ta' kull mezz li bis-saħħa tiegħu jiġu ffaċilitati l-fehim tal-informazzjoni trasmessa u t-traduzzjoni awtomatika tagħha;

[...]"

Id-Deċiżjoni 2009/316/ĠAI

8 Il-premessi 2, 6 u 12 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, tas-6 ta' April 2009, dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI (ĠU L 93, p. 33), jistabbilixxu:

"(2) L-informazzjoni dwar il-kundanni kriminali deċiżi kontra ċittadini ta' Stati Membri minn Stati Membri oħra ma tiċċirkolax b'mod effikaċi fuq il-bażi kurrenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assitenza Reċiproka f'Materji Kriminali tal-20 ta' April 1959. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm proċeduri aktar effiċjenti u aċċessibbli ta' skambju għal tali informazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

[...]

(6) Din id-Deċiżjoni għandha l-għan li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas [2009/315/ĠAI] sabiex toħloq u tiżviluppa sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali bejn l-Istati Membri. [...] [...], għandhom jiġu stabbiliti kemm format standardizzat li jippermetti li l-informazzjoni tkun skambjata b'mod uniformi u elettroniku u li jippermetti t-traduzzjoni kompjuterizzata tagħha kif ukoll kwalunkwe mezz ieħor li jorganizza u jiffaċilita l-iskambji elettroniċi ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri.

[...]

(12) It-tabelli ta' referenza tal-kategoriji ta' reati u l-kategoriji ta' pieni u miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiffaċilitaw it-traduzzjoni awtomatika u għandhom jippermettu l-għarfien reċiproku tal-informazzjoni trasmessa bl-użu ta' sistema ta' kodiċi. [...]"

9 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2009/316, jiddefinixxi l-għan tagħha:

"Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS).

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi wkoll l-elementi ta' format standard għall-iskambju elettroniku, bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali, b'mod partikolari fir-rigward ta' informazzjoni dwar ir-reat li jkun wassal għall-kundanna u informazzjoni dwar il-kontenut tal-kundanna [...]"

10 L-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni, intitolat "Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)", jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"L-ECRIS hija sistema deċentralizzata tat-teknoloġija tal-informazzjoni, ibbażata fuq id-databases tar-rekords kriminali f'kull Stat Membru. Hija tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

a) software ta' interkonnessjoni [...] li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-databases tar-rekords kriminali tal-Istati Membri;

[...]"

11 L-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni, intitolat "Il-format tat-trasmissjoni tal-informazzjoni", jipprovdi:

"1. Meta tiġi trasmessa l-informazzjoni konformement mal-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas [2009/315/ĠAI], relattivament għall-isem jew klassifikazzjoni ġuridika tar-reat u għad-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli, l-Istati Membri għandhom jirriferu għall-kodiċi korrispondenti għal kull wieħed mir-reati indikati fit-trasmissjoni, kif previst fit-tabella tar-reati fl-Anness A. [...]

L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu informazzjoni disponibbli dwar il-livell ta' kompletezza u l-livell ta' parteċipazzjoni fir-reat u, fejn applikabbli, dwar l-eżistenza ta' eżenzjoni totali jew parzjali mir-responsabbiltà kriminali jew dwar reċidiva.

2. Meta jittrasmettu informazzjoni taħt l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas [2009/315/ĠAI] relattivament għall-kontenut tal-kundanna kriminali, partikolarment is-sentenza kif ukoll kwalunkwe piena supplimentari, kwalunkwe miżura ta' sigurtà u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li jimmodifikaw l-eżekuzzjoni tas-sentenza, l-Istati Membri għandhom jirriferu għall-kodiċi korrispondenti għal kull waħda mill-pieni u miżuri indikati fit-trasmissjoni, kif previst fit-tabella ta' pieni u miżuri fl-Anness B. [...]

L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll, fejn applikabbli, informazzjoni disponibbli relatata man-natura u/jew il-kondizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-piena jew miżura imposta kif previst fil-parametri tal-Anness B. [...]"

Id-Direttiva 2010/64

12 Il-premessi 14, 17 u 22 tad-Direttiva 2010/64 jistabbilixxu:

"(14) Id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni għal dawk li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedimenti huma stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950], kif interpretati fil-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din id-Direttiva tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dawk id-drittijiet fil-prattika. Għal dak l-għan, il-mira ta' din id-Direttiva hija li tiżgura d-drittijiet ta' persuni suspettati jew akkużati għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali bil-ħsieb li tiżgura d-dritt tagħhom għal proċess ġust.

[...]

(17) Din id-Direttiva għandha tiżgura li jkun hemm assistenza lingwistika bla ħlas u adegwata, li tagħmilha possibbli għall-persuni suspettati jew akkużati li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedimenti kriminali li jeżerċitaw id-dritt tagħhom tad-difiża u li tkun salvagwardjata l-ġustizzja tal-proċedimenti.

[...]

(22) L-interpretazzjoni u t-traduzzoni skont din id-Direttiva għandhom ikunu pprovduti bil-lingwa nattiva tal-persuni suspettati jew akkużati jew bi kwalunkwe lingwa oħra li dawn jitkellmu jew jifhmu sabiex ikun possibbli għalihom li jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tad-difiża, u sabiex tiġi ssalvagwardata l-ġustizzja tal-proċedimenti."

13 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi fil-paragrafi 1 u 2:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli li jikkonċernaw id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew.

2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal persuni minn meta jkunu ġew infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, permezz ta' nofitika uffiċjali jew notifika oħra, li huma suspettati jew akkużati li wettqu reat kriminali sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċedimenti, li huwa mifhum li jfisser il-konklużjoni finali tal-kwistjoni dwar jekk huma wettqux ir-reat, inkluż, meta applikabbli, l-għoti ta' sentenzi u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell."

14 L-Artikolu 3(1) u (2) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, persuni suspettati jew akkużati li ma jifhmux il-lingwa tal-proċedimenti kriminali kkonċernati jiġu, f'perijodu raġonevoli ta' żmien, pprovduti bi traduzzjoni bil-miktub tad-dokumenti kollha li huma essenzjali biex ikun żgurat li dawn ikunu kapaċi jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom u biex tkun salvagwardjata l-ġustizzja tal-proċedimenti.

2. Id-dokumenti essenzjali għandhom jinkludu kwalunkwe deċiżjoni li jċaħħdu lil persuna mil-libertà tagħha, kwalunkwe imputazzjoni jew akkuża, u kwalunkwe sentenza."

15 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jilħqu l-ispejjeż [...] tat-traduzzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni [tal-Artikoli] 3, irrispettivament mill-eżitu tal-proċedimenti."

*Id-dritt Ungeriż*

16 L-Artikolu 46(1a) tal-a nemzetközi bűnügyi jogsegélyről szóló 1996. évi XXXVIII. törvény (liġi Nru XXXVIII tal-1996 dwar l-assistenza reċiproka ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar l-assistenza reċiproka ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali") jistabbilixxi li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni materjali u territorjali għall-proċedura speċjali intiża għar-rikonoxximent tal-effikaċja ta' sentenza barranija hija dik tad-domiċilju jew tar-residenza tal-persuna akkużata. Skont l-Artikolu 46(3) ta' din il-liġi, il-proċedura applikabbli hija redatta minn regoli ġenerali tal-a büntetőeljárásról szóló 1998 évi XIX. törvény (liġi Nru XIX tal-1998 li tistabbilixxi l-kodiċi tal-proċedura kriminali, iktar 'il quddiem il-"kodiċi tal-proċedura kriminali") dwar il-proċeduri speċjali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

17 L-Artikolu 9(1) tal-kodiċi ta' proċedura kriminali jipprovdi li l-lingwa tal-proċedura kriminali hija l-Ungeriż.

18 Skont l-Artikolu 339(1) ta' dan il-kodiċi, l-Istat għandu jbati l-ispejjeż li ma għandhiex issostni l-persuna akkużata. Din tal-aħħar, konformement mal-Artikolu 338(1) tal-imsemmi kodiċi, hija kkundannata tbati l-ispejjeż jekk din tkun tinstab ħatja jew jekk ir-responsabbiltà tagħha tkun stabbilita minħabba li hija tkun wettqet ksur ta' regola.

19 L-Artikolu 555(2)(j) tal-kodiċi ta' proċedura kriminali jipprevedi li, fil-kuntest tal-proċeduri speċjali, l-ispejjeż huma imposti fuq il-persuna akkużata meta din tkun ġiet ikkundannata għall-ispejjeż fil-proċeduri prinċipali.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

20 Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, li saret definittiva fit-8 ta' Ottubru ta' dik is-sena, il-Landesgericht Eisenstadt (qorti reġjonali ta' Eisenstadt, l-Awstrija) ikkundannat lil I. Balogh, ċittadin Ungeriż, għal piena ta' priġunerija minħabba serq aggravat bi żgass, imwettaq sabiex jinkiseb qligħ regolari, kif ukoll għall-ispejjeż tal-proċeduri. L-awtoritajiet kompetenti Awstrijaċi informaw lill-Igazságügyi Minisztérium Nemzetközi Büntetőjogi Osztálya (dipartiment tad-dritt kriminali internazzjonali fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ungerija, iktar 'il quddiem id-"dipartiment") bil-kontenut ta' din is-sentenza, li huma sussegwentement bagħtu fuq talba tiegħu.

21 Id-dipartiment ittrażmetta l-imsemmija sentenza lill-qorti tar-rinviju, bħala qorti kompetenti għar-rikonoxximent tal-effikaċja ta' dik is-sentenza fl-Ungerija, konformement mal-proċedura speċjali prevista mil-liġi dwar l-assistenza reċiproka ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali msemmija fil-punt 16 ta' din is-sentenza. Din il-proċedura speċjali, li ma timplika la l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti jew tar-responsabbiltà kriminali tal-persuna kkundannata, u lanqas ma timplika kundanna ġdida, għandha bħala għan uniku li tirrikonoxxi lis-sentenza barranija l-istess valur daqs li kieku ngħatat minn qorti Ungeriża, u hija indispensabbli għal dan il-għan.

22 Peress li s-sentenza inkwistjoni kienet redatta bil-Ġermaniż, il-qorti tar-rinviju għandha, konformement mal-imsemmija proċedura speċjali, tiżgura t-traduzzjoni tagħha fil-lingwa tal-proċedura, li, f'dan il-każ, hija l-Ungeriż.

23 Skont b'mod partikolari l-Artikolu 555(2)(j) tal-kodiċi tal-proċedura kriminali, applikabbli għall-proċedura kkonċernata skont l-Artikolu 46(3) tal-liġi dwar l-assistenza reċiproka ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali, kif ukoll l-Artikolu 338(1) ta' dan il-kodiċi, il-persuna kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-proċedura prinċipali hija obbligata tbati l-ispejjeż relatati mal-proċeduri speċjali.

24 Madankollu jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li żviluppaw fl-Ungerija żewġ prattiki ġudizzjarji differenti għal dak li jirrigwarda t-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż marbuta mal-proċedura speċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

25 Għalhekk, minn naħa, ġie kkunsidrat li d-Direttiva 2010/64, li tipprovdi għal traduzzjoni b'xejn, tirrendi inapplikabbli d-dispożizzjoni speċjali tad-dritt Ungeriż, li għalhekk għandha tiġi applikata d-dispożizzjoni ta' karattru ġenerali prevista fl-Artikolu 9 tal-kodiċi ta' proċedura kriminali, skont liema persuna akkużata ta' nazzjonalità Ungeriża għandha d-dritt tuża l-lingwa materna tagħha. Minn dan isegwi li l-Istat għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż għat-traduzzjoni tas-sentenza barranija, skont l-Artikolu 339(1) ta' dan il-kodiċi.

26 Min-naħa l-oħra, ġie wkoll ikkunsidrat li l-proċedura prinċipali, li ngħalqet b'sentenza li tikkundanna lill-persuna akkużata, hija distinta mill-proċedura speċjali, li tippreżenta karattru aċċessorju, li għandha l-għan ta' rikonoxximent tal-effetti ta' din is-sentenza fl-Ungerija. Konsegwentement, għalkemm il-persuna akkużata għandha tibbenefika mill-għajnuna lingwistika b'xejn fil-kuntest tal-proċedura prinċipali peress li ma tifhimx il-lingwa li tintuża f'din il-proċedura, l-istess ma jgħoddx, fil-kuntest ta' proċedura aċċessorja, għat-traduzzjoni fil-lingwa ta' din il-proċedura, li l-persuna kkonċernata tifhem, ta' sentenza mogħtija minn qorti barranija, peress li din it-traduzzjoni kienet neċessarja għall-finijiet tal-imsemmija proċedura u mhux għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuna kkundannata.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Budapest Környéki Törvényszék (qorti ta' Budapest-agglomerazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-formulazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/64[...] li tgħid li '[d]in id-Direttiva tistabbilixxi regoli li jikkonċernaw id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew', għandha tinftiehem fis-sens li l-qorti Ungeriża għandha l-obbligu li tapplika din id-direttiva fil-kuntest, ukoll, ta' proċedura speċjali [Kapitolu XXIX [tal-kodiċi tal-proċedura kriminali]]; fi kliem ieħor, għandu jitqies li l-'proċedimenti kriminali' msemmija minn din id-dispożizzjoni jinkludu l-proċeduri speċjali, bħal dawk previsti mid-dritt Ungeriż, jew li huma jirreferu esklużivament għal proċeduri li jintemmu b'deċiżjoni definittiva dwar ir-responsabbiltà kriminali tal-akkużat?"

**Fuq id-domanda preliminari**

28 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar, sabiex il-qorti li għamlitilha talba għal deċiżjoni preliminari tingħata risposta utli, jista' jkollha tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma għamlitx riferiment għalihom fid-domanda tagħha. Barra minn hekk, hija, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li huma ppreżentati quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et*, C-155/13, EU:C:2014:145, punt 23, u tal-11 ta' Frar 2015, Marktgemeinde Straßwalchen *et*, C-531/13, EU:C:2015:79, punt 37).

29 Issa, kif enfasizzaw il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet tagħhom, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' taqa' taħt il-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316.

30 Fil-fatt, jirriżulta mill-fajl, minn naħa, li, fil-kawża prinċipali, l-awtoritajiet Awstrijaċi kompetenti informaw lid-dipartiment dwar il-kundanna imposta mil-Landesgericht Eisenstadt (qorti reġjonali ta' Eisenstadt) kontra I. Balogh konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, permezz tal-ECRIS stabbilita bid-Deċiżjoni 2009/316, sabiex l-Ungerija tkun tista' taħżen l-informazzjoni trażmessa b'dan il-mod, konformement mal-Artikolu 5(1) ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

31 Min-naħa l-oħra, id-dipartiment talab għall-komunikazzjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-qorti lill-imsemmija awtoritajiet u, wara li dawn irċevewha, ittrażmettiha lil Budapest Környéki Törvényszék (qorti ta' Budapest-agglomerazzjoni), konformement mal-proċedura speċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex tiġi rikonoxxuta fl-Ungerija u sabiex l-imsemmija kundanna tiġi rreġistrata fir-rekord kriminali Ungeriż. Fil-fatt, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, l-implementazzjoni ta' din il-proċedura hija indispensabbli għal dawn il-finijiet.

32 Issa, konformement mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, l-għan tagħha huwa preċiżament li tiddefinixxi, b'mod partikolari, il-metodi skont liema l-Istat Membru li jikkundanna jittrażmetti lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna, sabiex din tinżamm, l-informazzjoni dwar il-kundanni imposti fit-territorju tiegħu kontra ċittadin ta' dan l-aħħar Stat Membru, kif irreġistrata fir-rekord kriminali tal-Istat Membru li jikkundanna. Barra minn hekk, l-għan tad-Deċiżjoni 2009/316 jikkonsisti, skont l-Artikolu 1 tagħha, sabiex jipprovdi l-elementi ta' format standardizzat skont liema din l-informazzjoni tiġi skambjata bejn l-Istat Membri.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, li tittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss id-Direttiva 2010/64, iżda wkoll id-Deċiżjoni Qafas 2009/315 kif ukoll id-Deċiżjoni 2009/316, u li tiġi fformulata mill-ġdid, konformement ma' dak li ntqal preċedentement, id-domanda magħmula.

34 Għalhekk, din id-domanda għandha tinftiehem bħala li essenzjalment għandha l-għan tara jekk id-Direttiva 2010/64, kif ukoll id-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċedura speċjali ta' rikonoxximent mill-qorti ta' Stat Membru ta' sentenza definittiva mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor li tikkundanna lil persuna għat-twettiq ta' reat, bħall-proċedura speċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi b'mod partikolari li l-ispejjeż għat-traduzzjoni ta' din is-sentenza huma, fil-kuntest ta' din il-proċedura, ir-responsabbiltà ta' din il-persuna.

35 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Rosselle, C-65/14, EU:C:2015:339, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*Id-Direttiva 2010/64*

36 Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2010/64, għandu, fl-ewwel lok, jiġi osservat li, konformement mal-Artikolu 1(1) tagħha, din id-direttiva tiddefinixxi r-regoli dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali u tal-proċeduri dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew. Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva jirriżulta li dan id-dritt japplika għall-persuna kkonċernata mill-mument li fih tiġi informata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li hija ssuspettata jew akkużata li wettqet reat kriminali, sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċedimenti, li huwa mifhum li jfisser il-konklużjoni finali tal-kwistjoni dwar jekk din il-persuna wettqitx ir-reat, inkluż, meta applikabbli, l-għoti ta' sentenzi u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell.

37 Issa, proċedura speċjali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha bħala għan ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor, isseħħ, skont id-definizzjoni, wara l-istabbiliment definittiv tal-kwistjoni dwar jekk il-persuna ssuspettata jew akkużata wettqitx ir-reat u, f'dan il-każ, wara l-kundanna tagħha.

38 Fit-tieni lok, għandu jiġi enfasizzat li, kif jistabbilixxu b'mod partikolari l-premessi 14, 17 u 22 tad-Direttiva 2010/64, dawn għandhom l-għan li jiggarantixxu lill-persuni ssuspettati jew akkużati li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedura d-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni, billi jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, sabiex jiġi ggarantit lil dawn il-persuni l-benefiċċju ta' proċess ekwu. Huwa għalhekk li l-Artikolu 3(1) u (2) ta' din id-Direttiva jipprovdi li l-Istati Membri jaraw li dawn il-persuni jkollhom, f'terminu raġonevoli, it-traduzzjoni bil-miktub tad-dokumenti essenzjali kollha, b'mod partikolari tas-sentenza mogħtija fir-rigward tagħhom, sabiex tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tad-difiża u sabiex jiġi ggarantit il-karattru ekwu tal-proċedura.

39 Issa, jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Gvern Awstrijak waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li I. Balogh kiseb it-traduzzjoni tas-sentenza tal-Landesgericht Eisenstadt (qorti reġjonali ta' Eisenstadt), li kienet ġiet innotifikata lilu f'Awwissu 2015. F'dawn iċ-ċirkustanzi, traduzzjoni ġdida tal-imsemmija sentenza fil-kuntest tal-proċedura speċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, intiża għar-rikonoxximent ta' din is-sentenza fl-Ungerija u għar-reġistrazzjoni tal-kundanna imposta fir-rekord kriminali Ungeriż, ma kinitx neċessarja għall-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża jew tad-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' I. Balogh u ma hijiex iġġustifikata fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2010/64.

40 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li d-Direttiva 2010/64 ma tapplikax għal proċedura speċjali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

*Id-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316*

41 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u tad-Deċiżjoni 2009/316, hemm lok li jsir riferiment, b'mod partikolari, għall-kontenut tal-Artikoli 4, 5 u 11 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, kif ukoll għal dak tal-Artikoli 3 u 4 ta' din id-deċiżjoni.

42 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315 jipprovdi li l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li jikkundanna għandha kemm jista' jkun malajr tinforma lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe kundanna mogħtija fit-territorju tiegħu kontra ċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri, kif reġistrati fir-rekord kriminali tal-Istat Membru li jikkundanna. L-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 11(2) ta' din id-Deċiżjoni Qafas jippreċiżaw li l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza taħżen l-informazzjoni rċevuta b'dan il-mod.

43 Il-lista ta' informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru li jikkundanna lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tissemma fl-Artikolu 11(1) tal-imsemmija Deċiżjoni Qafas, liema deċiżjoni ma tagħmel l-ebda riferiment għad-deċiżjoni mogħtija mill-qrati tal-ewwel wieħed minn dawn l-Istati.

44 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 11(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315, din l-informazzjoni tiġi skambjata bejn l-Istati Membri b'mod elettroniku, skont format standardizzat. F'dan ir-rigward, l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2009/316 jispeċifikaw li l-informazzjoni dwar l-isem jew il-klassifikazzjoni legali tar-reat kif ukoll dik li tirrigwarda l-kontenut tal-kundanna tiġi trażmessa bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri permezz tal-ECRIS, taħt forma ta' kodiċijiet li jikkorrispondu għal kull waħda mir-reati u mis-sanzjonijiet li huma s-suġġett tat-trażmissjoni.

45 Ċertament, l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315 jipprovdi li Stat Membru li jikkundanna għandu jikkomunika lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna, fuq it-talba ta' din tal-aħħar f'każijiet individwali, kopja tal-kundanni u l-miżuri sussegwenti, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għalihom sabiex din tkun tista' tkkunsidra jekk dawn il-kundanni u miżuri sussegwenti jirrikjedux xi miżura fuq livell nazzjonali.

46 Madankollu, jirriżulta kemm mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll mill-istruttura tal-imsemmi Artikolu 4 kollu kemm hu, kif ukoll minn dik tal-Artikolu 11(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, li t-trażmissjoni lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tas-sentenza ta' kundanna sseħħ biss meta ċirkustanzi partikolari jirrikjeduha, u li hija ma tistax tiġi meħtieġa b'mod sistematiku għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-imsemmija kundanna fir-rekord kriminali ta' dan l-Istat Membru.

47 Issa, jirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet magħmula mill-Gvern Ungeriż waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-proċedura speċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija implementata b'mod sistematiku u li, f'dan il-każ, l-ebda ċirkustanza partikolari ma tiġġustifika l-fatt li tiġi applikata din il-proċedura għar-rikonoxximent tas-sentenza mogħtija mil-Landesgericht Eisenstadt (qorti reġjonali ta' Eisenstadt) kontra I. Balogh, u, f'dan il-kuntest, li tintalab t-trażmissjoni ta' din is-sentenza. Konsegwentement, din it-talba ma tistax tiġi ġġustifikata skont l-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315.

48 Minn dak li ntqal preċedentement jirriżulta li, konformement mad-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u mad-Deċiżjoni 2009/316, ir-reġistrazzjoni fir-rekord kriminali mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-kundanni imposti mill-qrati tal-Istat Membru li jikkundanna għandha ssir direttament abbażi tat-trażmissjoni mill-awtorità ċentrali ta' dan l-aħħar Stat Membru, permezz tal-ECRIS, tal-informazzjoni dwar dawn il-kundanni taħt il-forma ta' kodiċijiet.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, din ir-reġistrazzjoni ma tistax tiddependi mill-implementazzjoni minn qabel ta' proċedura ta' rikonoxximent ġudizzjarju tal-imsemmija kundanni, bħall-proċedura speċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, lanqas *a fortiori* mill-komunikazzjoni lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tas-sentenza ta' kundanna għall-finijiet ta' tali rikonoxximent.

50 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u mid-Deċiżjoni 2009/316.

51 Fil-fatt, jirriżulta b'mod partikolari mill-premessi 2, 3, 5 u 17 ta' din id-deċiżjoni qafas, kif ukoll mill-premessi 2, 6 u 12 ta' din id-deċiżjoni, li s-sistema ta' skambji ta' informazzjoni stabbilita mill-imsemmija Deċiżjoni qafas u deċiżjoni għandha bħala għanijiet, sabiex tiffaċilita l-assistenza legali reċiproka u tiggarantixxi r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet kriminali, li tissemplifika l-proċeduri ta' trasferiment ta' dokumenti bejn l-Istati Membri, li ttejjeb u li tirrazzjonalizza l-iskambji ta' informazzjoni estratti mir-rekords kriminali bejn dawn tal-aħħar u li tirrafforza l-effiċjenza ta' dawn l-iskambji billi tagħmel użu mill-ħolqien ta' format Ewropew standardizzat li jippermetti t-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni taħt forma omoġenja, informata, li tinftiehem u faċilment traduċibbli mill-mekkanizmi awtonomi, permezz tal-għajnuna ta' formuli tipiċi u ta' kodiċijiet.

52 Għalhekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316 għandhom l-għan li jimplementaw sistema rapida u effiċjenti ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-kundanni kriminali stabbiliti fid-diversi Stati Membri tal-Unjoni.

53 Issa, proċedura ta' rikonoxximent tas-sentenzi ta' kundanna mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri l-oħra, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, qabel ir-reġistrazzjoni ta' dawn il-kundanni fir-rekord kriminali, li tippreżumi barra minn hekk it-trażmissjoni u t-traduzzjoni ta' dawn is-sentenzi, tista' ttawwal kunsiderevolment din ir-reġistrazzjoni, tirrendi iktar kumplessi l-iskambji ta'

informazzjoni bejn l-Istati Membri, iċċaħħad mill-effettività l-mekkaniżmu tat-traduzzjoni awtonoma previst fid-Deċiżjoni 2009/316 u, b'dan il-mod, tipperikola t-twettiq tal-għanijiet imfittxija mid-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u minn din id-deċiżjoni.

54 Barra minn hekk, u b'mod iktar ġenerali, tali proċedura tmur kontra l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fil-qasam kriminali previst fl-Artikolu 82(1) TFUE, li ssostitwixxa l-Artikolu 31 UE li fuqu huma bbażati d-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316. Fil-fatt, dan il-prinċipju jipprekludi milli r-rikonoxximent minn Stat Membru tas-sentenzi mogħtija mill-qrati ta' Stat Membru ieħor jiġi suġġett għall-implementazzjoni, fl-ewwel minn dawn l-Istati Membri, ta' proċedura ġudizzjarja għal dan il-għan, bħall-proċedura speċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

55 Minn dak kollu li ntqal preċedentement jirriżulta li d-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316 jipprekludu l-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċedura speċjali ta' rikonoxximent ta' sentenza mogħtija mill-qorti ta' Stat Membru ieħor, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari magħmula għandha tkun is-segwenti:

— l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/64 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva ma tapplikax għall-proċedura speċjali nazzjonali ta' rikonoxximent mill-qorti ta' Stat Membru ta' sentenza ġudizzjarja definittiva mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor li tikkundanna lill-persuna għat-twettiq ta' reat;

— id-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu l-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tali proċedura speċjali.

**Fuq l-ispejjeż**

57 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ottubru 2010, dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva ma tapplikax għall-proċedura speċjali nazzjonali ta' rikonoxximent mill-qorti ta' Stat Membru ta' sentenza ġudizzjarja definittiva mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor li tikkundanna lill-persuna għat-twettiq ta' reat.**

**Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, tas-6 ta' April 2009, dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu l-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi tali proċedura speċjali.**

Firem